MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Numru. 156/2013

Il-Pulizija
(Sp Frankie Sammut)
vs
Luca Schiavone, iben Vincenza Cutajar, imwieled Pieta' fis-7 ta' April, 1994, karta ta' l-identita' numru 180994(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-lejl ta' bejn l-14 ta' Frar, 2013 u il-15 ta' Frar, 2013 u fil-ġranet ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti,u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. talli fl-inħawi ta' Raħal Ġdid, ikkometta serq ta' oġġetti, u cioe' diesel, kif ukoll żewġ batteriji tal-gaffa, liema serq sar għad-dannu ta' Vella Group u/jew persuni

oħra li hu kkwalifkat bil-valur li jammonta għal aktar minn €116.57 imma mhux aktar minn €2,329.37 u bil-ħin;
2. talli fl-inħawi tal-Birgu, ikkometta serq ta' oġġetti, u cioe' diesel, kif ukoll żewġ batteriji tal-gaffa, liema serq li sar għad-dannu ta' persuna u/jew persuni oħra hu kkwalifikat bil-valur li jammonta għal aktar minn €116.57 imma mhux aktar minn €2,329.37 u bil-ħin;
3. talli fl-istess data u ċirkostanzi fl-inħawi tax-Xgħajra waqt li kien ma persuni oħra, dolozament bil-ħsieb li jikkometti reat u cioe' dak ta' serq aggravat wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għal esekuzzjoni tad-delitt u cioe' serq ta' diesel minn truck, bin-numru tar-reġistrazzjoni BAA 925, proprjeta' ta' Abela Allison minn Birżebbuġia liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, liema delitt li kieku seħħ kien ikun ikkwalifkat bil-valur li jammonta għal aktar minn €116.57 imma mhux aktar minn €2,329.37 u bil-ħin;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni CAQ 624, mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija u/jew tal-awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, kif ukoll ma kien xkopert b'ppolza ta' assikurazzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat il-fedina penali netta, l-eta' ta' l-imputat u l-ammissjoni bikrija. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Probation għal żmien ta' tlett snin mil-lum. Minbarra dan, tinibixxi lill-imputat milli jkollu kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------